**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 491/2023 JVC**

**Dr Evelyn Borg Costanzi (KI Nru 24291M), bħala mandatarja speċjali tal-assenti Carmel sive Carl Vella (Passaport Awstraljan Nru PA2513918)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Dr Evelyn Borg Costanzi noe talbet kif isegwi:

1. ‘1. Illi s-sur Vella twieled fit-tmienja u għoxrin (28) ta’ Ġunju tas-sena elf disgħa mija u tmienja u ħamsin (1958), u ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta bin-numru progressiv erbgħa sitta sebgħa sitta ta’ dik l-istess sena (4676/1958) (*vide* ċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat Dok A);

2. Illi hu u l-familja tiegħu emigraw lejn l-Awstralja meta huwa kellu biss sitt (6) xhur, u iktar tard huwa akkwista ċ-ċittadinanza Awstraljana u żżewweġ ukoll ċittadina Awstraljana;

3. Illi mindu emigra lejn l-Awstralja, s-sur Vella dejjem issejjaħ bl-isem “Carl” minkejja li fil-kolonna taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu intestata “Ismijiet Mogħtija” hemm indikat li l-ismijiet li ngħatawlu huma “Carmel, Albert, Mario, Peter”, u fil-kolonna intestata “Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ” hemm indikat l-isem “Carmel”;

4. Illi l-isem “Carl” huwa l-isem li bih s-sur Vella kien konsistentement magħruf u msejjaħ sa minn mindu kien tarbija, u dan kemm mill-familjari u mill-konoxxenzi tiegħu, u anki f’kuntest uffiċjali;

5. Illi di fatti, minn mindu emigra lejn l-Awstralja, huwa ġie rreġistrat bl-isem “Carl” fid-dokumenti uffiċjali kollha li jappartejnu lilu, inkluż fiċ-ċertifikati tal-iskola (*vide* Dok B u C), iċ-ċittadinanza Awstraljana (*vide* Dok D), il-passaport Awstraljan (*vide* Dok E) u ċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu (*vide* Dok F);

6. Illi l-fatt li l-isem indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti huwa “Carmel” qiegħed joħloq konfużjoni sħiħa fil-ħajja ċivili tal-istess Vella, u qiegħed jikkawża numru ta’

diffikultajiet kemm lilu u kemm lill-familja tiegħu, inkluż diffikultajiet biex jinħarġu passaporti Maltin lil martu u lill-uliedu;

7. Illi s-sur Vella għalhekk jixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tiegħu b'mod illi dan jibda jirrifletti l-isem li bih huwa magħruf;

8. Ill din il-kawża qed issir abbażi tal-Artikolu 253(2) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, in vista tal-premess, ir-rikorrenti *nomine* titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk it-tiswijiet rikjesti fl-att tat-twelid tas-sur Vella billi jiġi kkanċellat l-isem "Carmel" taħt il-kolonni "Ismijiet Mogħtija" u "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ", u jiġi sostitwit mill-isem "Carl";

b) Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għas-sur Vella u, jekk ikun il-każ, għal uliedu u dixxendenti ulterjuri tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita

pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat. Minn dak li jirriżulta mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tal-esponent:

   a. Skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **<u>4676/1958</u>** (*Dok. A tar-rikors promotur*), ir-rikorrent 'Carmel Vella' twieled ġewwa Malta nhar it-28 ta' Gunju 1958. Skont l-istess Att tat-Twelid, taħt il-kolonna 'Ismijiet mogħtija', hemm indikati l-ismijiet 'Carmel, Albert, Mario, Peter', filwaqt illi taħt il-kolonna 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ' hemm indikat l-isem 'Carmel', u dana skont kif iddikjarat minn missier ir-rikorrent 'Albert Vella'. Għaldaqstant ma jidher illi sar ebda żball mill-esponent meta ġie reġistrat dan l-Att tat-Twelid;

   b. Illi mar-rikors promotur wieħed isib ċertifikat taż-Żwieġ Awstraljan (*Dok. F mar-rikors).* Illi tajjeb jingħad illi dan iċ-ċertifikat esteru ma ġiex reġistrat ġewwa Malta a tenur tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi r-rikorrent nomine qiegħed jisħaq illi huwa minn dejjem kien magħruf bħala 'Carl' u mhux 'Carmel' u jippreżenta numru ta' dokumentazzjoni in sostenn tal-pretensjoni tiegħu. Huwa jgħid illi din id-diskrepanza qegħda tikkawżalu diffikultajiet fosthom sabiex jinħarġu passaporti ta' wliedu f'Malta;

5. Illi rigward it-talbiet, l-esponent jirrimetti ruħu salv is-segwenti:

6. Illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti għal din l-Onorabbli Qorti u kemm -il darba r-rikorrent nomine jipprova illi Carmel Vella verament dejjem kien magħruf bħala 'Carl';

7. Rigward it-tieni talba, ir-rikorrent nomine għandha tindika l-Atti tal-Istat Ċivili li jeħtieġu korrezzjoni u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent nomine mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent nomine li minn issa nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 14 tal-proċess, b'dan li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat, kif ukoll mill-erba' dikjarazzjonijiet illi ġew esebiti mis-seduta tallum stess jirriżulta illi r-rikorrent huwa fil-fatt magħruf bl-isem Carl u mhux Carmel.

Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma ġustifikati.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti i-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk it-tiswijiet rikjesti fl-att tat-

twelid tar-rikorrent billi fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 4676/1958 jiġi kkanċellat l-isem "Carmel" taħt il-kolonni "Ismijiet Mogħtija" u "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ" u jiġi sostitwit bl-isem "Carl";

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għal Carl Vella limitatament iżda għal dawk l-atti fil-poter tad-Direttur intimat kif ukoll għal l-atti ta' uliedu u dixxendenti ulterjuri tiegħu;

4. Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D. ta' Lulju 2023**
**23 ta' Jannar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**23 ta' Jannar 2024**